MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 88/2004

**QORTI CIVILI – PRIM’ AWLA**

**IMHALLEF : ONOR. DR GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2004**

**Citazzjoni numru 88/04 GC**

**Maria Giglio**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici ppremettiet:

Illi fic-certifikat tat-twelid tal-attrici li jgib in-numru ta' registrazzjoni 5854 tas-sena 1974 hemm indikat fit-tielet kolonna tal-istess, taht l-intestatura "Isem il-Wild" l-isem ta' 'Maria' - Dok A;

Illi l-attrici dejjem uzat l-isem ta' 'Jeannine' u l-familja taghha dejjem uzaw ghaliha l-isem ta' 'Jeannine' skond kif jirrizulta mill-annessa dokumentazzjoni;

Illi l-isem ta' 'Jeannine' u mhux dak ta' 'Maria' huwa fil-fatt isem li bih l-attrici kienet konsistentement imsejjha;

Illi l-attrici illum izzewget u kellha zewgt itfal u fic-certifikat tat-twelid ta' dawn id-dixxendenti hemm imnizzel illi isem l-omm huwa dak ta' 'Maria';

Illi l-attrici tixtieq li l-eventwali tibdil effettivat fl-att tat-twelid taghha jigi ukoll registrat u rifless mhux biss f'kull att ta' l-istat civili relattiv ghaliha izda ukoll fl-atti tat-twelid ta' uliedha u dana kif dispost fl-Artikolu 253(3) tal-Kapitolu 16;

Ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex dina l-Qorti:-

Tiddikjara illi l-attrici hija maghrufa konsistentement bl-isem ta' 'Jeannine' u mhux 'Maria';

Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' l-attrici li jgib in-numru ta' registrazzjoni 5854 tas-sena 1974 billi fit-tielet kolonna taht l-intestatura "Isem il-Wild" jithassar l-isem 'Maria' u minflok jigi registrat l-isem 'Jeannine';

Tordna li dan it-tibdil fl-isem tal-attrici jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess attrici b'mod illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi isem l-attrici jkun 'Jeannine' u mhux 'Maria';

Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru ta' registrazzjoni 2802 tas-sena 1997 billi fit-tieni kolonna taht l-intestatura "Isem u kunjom" fejn isem ta' l-omm huwa

ndikat bhala ‘Maria’ dana jithassar u minflok jigi registrat l-isem ‘Jeannine’;

Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru ta’ registrazzjoni 3401 tas-sena 2000 billi fit-tieni kolonna taht l-intestatura “Isen u kunjom” fejn isem ta’ l-omm huwa ndikat bhala ‘Maria’ dana jithassar u minflok jigi registrat l-isem ‘Jeannine’;

Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li dawn il-proceduri jghaddu in gudikat jaghmel il-korrezzjoni, thassir u registrazzjonijiet mitluba fic-certifikati hawn fuq indikati;

Tordna l-korrezzjoni fl-att ta’ l-adozzjoni bin-numru 0000645 u dana billi fit-tielet kolonna taht l-intestatura “Isem u kunjom tal-persuna addottata” fejn l-isem huma ndikat bhala ‘Maria’ dan jithassar u minflok jigi rregistrat l-isem ta’ “Jeannine”;

Tordna l-korrezzjoni fl-atti taz-zwieg bin-numru 712/1996 u dana billi fit-tieni kolonna taht l-intestatura “Isem u kunjom” fejn l-isem huwa indikat bhala “Maria” jinbidel u jigi registrat l-isem “Jeannine”;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

Illi l-esponent mhux edott mill-fatti u jirrimetti ruhu ghall-provi dwar is-sustanza tat-talba u cioe l-bdil ta’ l-isem ta’ l-attrici minn “*Maria*” ghal “*Jeannine*”, pero jirrileva li stante illi l-attrici kienet giet adottata u li l-Att tat-Twelid taghha jirrifletti l-Att ta’ l-Adozzjoni, jehtieg illi l-korrezzjoni mitluba, jekk milqugha, tigi annotata fil-proceduri ta’ l-Adozzjoni u ghal dan l-iskop jehtieg illi isir zieda mat-talbiet attrici;

Illi jehtieg illi l-attrici titlob ukoll l-korrezzjoni fl-Att taz-Zwieg taghha;

Illi fi kwanunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid ta' l-attrici mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Mejju 2004 li bih giet ordnata zieda fi-talbiet attrici u li bih ukoll gew sorvolati xi sottomissjonijiet li ghamel il-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ottubru 2004 minn fejn jirrizulta ukoll li l-attrici ddikjarat li thallas l-ispejjez kollha tal-kawza;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti t-talbiet kollha attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk l-istess talbiet ghandhom jigu akkolti. L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-attrici u dana in vista tad-dikjarazzjoni tal-istess attrici kif verbalizzata fil-kors tas-seduta tal-5 ta' Ottubru 2004 u peress li r-raguni ghala qed isiru l-korrezzjonijiet in kwestjoni zgur mhux attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha attrici u tiddikjara illi l-attrici hija maghrufa konsistentement bl-isem ta' 'Jeannine' u mhux 'Maria' u ghalhekk tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' l-attrici li jgib in-numru ta' registrazzjoni 5854 tas-sena 1974 billi fit-tielet kolonna taht l-intestatura "Isem il-Wild" jithassar l-isem 'Maria' u minflok jigi registrat l-isem 'Jeannine'; tordna li dan it-tibdil fl-isem tal-attrici jigi

rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess attrici b'mod illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi isem l-attrici jkun 'Jeannine' u mhux 'Maria'; tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru ta' registrazzjoni 2802 tas-sena 1997 billi fit-tieni kolonna taht l-intestatura "Isem u kunjom" fejn isem ta' l-omm huwa ndikat bhala 'Maria' dana jithassar u minflok jigi registrat l-isem 'Jeannine'; tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru ta' registrazzjoni 3401 tas-sena 2000 billi fit-tieni kolonna taht l-intestatura "Isen u kunjom" fejn isem ta' l-omm huwa ndikat bhala 'Maria' dana jithassar u minflok jigi registrat l-isem 'Jeannine'; tordna l-korrezzjoni fl-att ta' l-adozzjoni bin-numru 0000645 u dana billi fit-tielet kolonna taht l-intestatura "Isem u kunjom tal-persuna addottata" fejn l-isem huma ndikat bhala 'Maria' dan jithassar u minflok jigi rregistrat l-isem ta' "Jeannine"; tordna l-korrezzjoni fl-atti taz-zwieg bin-numru 712/1996 u dana billi fit-tieni kolonna taht l-intestatura "Isem u kunjom" fejn l-isem huwa indikat bhala "Maria" jinbidel u jigi registrat l-isem "Jeannine" u tordna lill-konvenut sabiex fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li dawn il-proceduri jghaddu in gudikat jaghmel il-korrezzjoni, thassir u registrazzjonijiet mitluba fic-certifikati hawn fuq indikati;

Spejjez kollha jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------